Programm tal-Festa Titulari 2009

# Immakulata Kunċizzjoni - Ħamrun



## FESTI INTERNI

*Il-Ħamis, 25 ta' Ġunju:*
**7.00p.m. ADORAZZJONI EWKARISTIKA "MARIJA TWASSALNA GĦAND BINHA ĠESU"**

*Il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju:* **JUM IT-TFAL**
**6.00p.m.** Ċelebrazzjoni fil-knisja għat-tfal organizzata mill-MUSEUM tas-subien u tal-bniet tal-Parroċċa.
**6.30p.m.** Quddiesa bis-sehem tat-tfal mmexxija minn **Fr John Berry.** Wara l- quddiesa t-tfal kollha jingħataw tifkira u ġelat.

*Is-Sibt, 27 ta' Ġunju:*
**ĦRUĠ TAL-VARA MINN NIĊĊA**
**8.30a.m u 1.30p.m.** Quddiem il-Knisja jkun hemm il-*mobile unit* taċ-Ċentru Nazzjonali għall-għoti tad-Demm. Inħeġġu l-kulħadd sabiex jekk jista' jagħti d- demm.
**6.00p.m.** Il-Kor Parrokkjali se jippreżenta 'Kantata Marjana' fil-Knisja Parrokkjali. Qari ta' Poeżiji, u Kant Marjan.
**6.30p.m.** Quddiesa mill-**W.R Dun Salv Borg Kappillan tal-Parroċċa tagħna** li fiha l-Istatwa tal-Madonna titqiegħed fil-post ta' qima għall-jiem tal-Festa.

*Il-Ħadd, 28 ta' Ġunju:* **JUM IŻ- ŻGĦAŻAGĦ**
**9.30a.m** Quddiesa animata mill-grupp taż-żgħażagħ tal-Parroċċa mmexxija minn **Mons Joe Bajada.**
***ILLUM FIL-QUDDIES KOLLU ISSIR IL-ĠABRA SPEĊJALI GĦALL-FESTA***

*It-Tnejn, 29 ta' Ġunju:*
**GĦELUQ TAS-SENA PAWLINA**
Nieħdu sehem flimkien fiċ-Ċelebrazzjoni Nazzjonali fil- Belt Valletta bħala għeluq tas-Sena Pawlina.

*It-Tlieta, 30 ta' Ġunju:*
**IL-PARROĊĊA TIFTAKAR F'ĦUTNA LI MARRU QABILNA BIS-SINJAL TAL-FIDI**
**6.00p.m** Rużarju mmeditat.
**6.30p.m.** Quddiesa b'suffraġju tal-erwieħ ta' ħutna minn din il-Parroċċa li mietu mill-festa tas-sena l-oħra sal-festa ta' din is-sena.

*L-Erbgħa, 1 ta' Lulju:* ***L-EWWEL JUM TAT-TRIDU***
**JUM L-ANZJANI U L-MORDA**
**6.00p.m.** Rużarju mmeditat.
**6.30p.m.** Quddiesa organizzata mill-Kummissjoni Djakonija għall-Anzjani u l-Morda u dawk li qegħdin fid-djar tal-anzjani li huma mill-Parrocca tagħna mmexxija minn **Dun Andrew Borg.** Jiġi amministrat is-sagrament tal-Griżma tal-Morda.

*Il-Ħamis, 2 ta' Lulju:* ***IT-TIENI JUM TAT-TRIDU***
**JUM IL- KOMUNITÀ**
**6.00p.m.** Rużarju mmeditat.
**6.30p.m.** Quddiesa bis-sehem tal-membri tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, Kummissjonijiet u Għaqdiet mmexxija minn **Patri Marcellino Micallef OFM fl-okkażjoni tal- 25 anniversarju mill-Ordinazzjoni tiegħu.** ***Wara laqgħa flimkien fil-bitħa tad-Dar ta' Fra Diegu.***
*Il-għir li se jsir fil-quddies kollu llum imur għad-Dar ta' Fra Diego*

*Il-Ġimgħa, 3 ta' Lulju:* ***L-AĦĦAR JUM TAT-TRIDU***
**JUM IL-FAMILJA.**
**6.00p.m.** Rużarju mmeditat.
**6.30p.m.** Quddiesa minn **Patri Ugolin Scerri OFM CONV** organizzata mill-Kummissjoni Familja. Mistiedna speċjali l-familji li għandhom xi anniversarju u kif ukoll residenti ġodda fil-Parroċċa tagħna.

*Is-Sibt, 4 ta' Lulju:* **LEJLIET Il-FESTA**
**6.00p.m.** Translazzjoni Solenni tar-Relikwija tal-Madonna mill- Kappella tal- Adorazzjoni mmexxija mill-**W.R. Dun Henry Balzan,** Kappillan tal-Parroċċa ta' San Gejtanu li tgħaddi minn Triq Manwel Magri, Triq Ġuże Maria Camilleri u Triq Kappillan Mifsud għall-Knisja Parrokkjali
**6.30p.m.** Quddiesa mill-**W.R Dun Henry Balzan**

*Il-Ħadd,5 ta' Lulju:* **JUM IL-FESTA TITULARI**
**6.30a.m.** Quddiesa mill-Gwardjan tal-Komunità tal-Patrijiet Franġiskani tal-Parroċċa tagħna l-**W.R Patri Anton Farrugia OFM.**
**8.00a.m. Quddiesa Solenni tal-Festa mmexxija mill W.R Kan. Joe Mifsud, Arċipriet tal-Kolleġġjata ta' Bormla. Inħeġġu l-kulħadd jattendi. Din hija l-quddiesa prinċipali tal-festa.**
**9.30a.m.** Quddiesa mil- **W.R Patri Michael Camilleri OP.** Kappillan tal- Parrocca ta' G'Mangia.
**11.00a.m.** Quddiesa mill-**W.R Patri Alex Scerri O Carm.** Kappillan tal-Parroċċa ta' Santa Venera.
**6.00p.m.** Quddiesa minn **Patri Raymond Calleja O Carm.** u wara toħroġ il-purċissjoni bl-Istatwa artistika tal-Madonna.
Takkumpanja l-Banda San Bartilmew tal-Għargħur u Banda Anniċi ta' Ħal Qormi.
**10.15p.m.** Fi tmiem il-purċissjoni issir tislima lill-Madonna quddiem il-Knisja u wara l-Barka Sagramentali. Inħeġġu lil kulħadd sabiex jiġi jilqa' l-Madonna quddiem il-Knisja biex bix-xemgħat f'idejna u bil-kant tal-'Ave Maria' nitolbuha titfa' l-Barka tagħha fuqna.
***Wara nidħlu l-knisja sabiex nassistu għad-dħul uniku u majestuż tal-vara fil-knisja.***
*Il-Kant fil-jiem tal-festa jkun esegwit mill-Kor Parrokkjali taħt id-direzzjoni tas-surmast Frans Pace u l-organista Richard Caruana.*
*Nhar il-festa filgħaxija jieħu sehem il-kor ta' San Ġwann taħt id-Direzzjoni tas-Surmast Raymond Storace.*

*It-Tnejn, 6 ta' Lulju:*
**JUM TA' RADD IL-ĦAJR**
**6.30p.m.** Quddiesa ta' Radd il-Ħajr mill-Kappillan bis-sehem tal-membri tal-Kummissjoni Festa, l-Grupp tal-Armar, l-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni u l-Għaqda Dilettanti tan-Nar.

## FESTI ESTERNI

**Il-Ħamis, 25 ta' Ġunju:**
**7.00p.m.** Carcade mat-Toroq tal-Parroċċa, li titlaq minn quddiem il-maħżen tal-Armar fi Triq Qrejten. Il-karozzi li jieħdu sehem jieqfu quddiem il-Knisja fejn jiġu mbierka u tingħata tifkira.

**Il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju:** **Lejla Maltija**
**7.30p.m.** Lejla Maltija fi Pjazza Kappillan Muscat quddiem il-Każin tal-Banda tal-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni. Ikun hemm ikel Malti u Tombla.

**Il-Ħamis 2 ta' Lulju**
**8.00p.m.** Programm Mużikali quddiem il-Każin Immakulata Kunċizzjoni imtella mill- Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni.
**9.45p.m.** Marċ mill-istess Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni li jibda minn quddiem il-Każin fi Pjazza Kappillan Muscat, Triq Wenzu Mallia, Triq il-Liċew, Triq it-Tram, Triq Kappillan Mifsud, Triq Oscar Zammit, Triq Ġwann Mamo, Triq is-Snajja, Triq Villambrosa, Triq Kanonku Bonnici, Triq Gateno Pace Forno, Triq Ġuże Pace, Triq Ġuże Maria Camilleri, Triq il-Kappillan Mifsud għal quddiem il-Każin tal-Banda.

**Il-Ġimgħa 3 ta' Lulju**
**8.30p.m.** Marċ mill-Banda tal-Parroċċa Immakulata Kunċizzjoni li jibda minn quddiem il-Każin fi Pjazza Kappillan Muscat, Triq il-Kappillan Mifsud, Triq Manwel Magri, Triq Kunċizzjoni, Triq Pawlu Burlo, Triq id-Duluri, Triq Dun Edgar Vella, Triq Vitale, Triq Kunċizzjoni, Triq Fatati, Triq Wenzu Mallia, Triq il- Kappillan Valletta, Triq Kappillan Mifsud, Triq Kanonku Bonnici, Triq Adelaide Cini, Triq Lord Byron, Triq Barth, Triq Ġuże Pace, Triq Lunzjata, Triq Vincenzo Bugeja, Triq il-Kappillan Mifsud għal quddiem il-Knisja.
*Fi tmiem il-marċ ikun hemm il-preżentazzjoni tal-fjuri lill-Madonna mir- residenti tat-Toroq tal-Parroċċa.*

**Is-Sibt 4 ta' Lulju**
**8.30p.m.** Marċ li jibda minn Triq Turu Lentini, Triq Danny Cremona, Triq Mimosa, Triq Joe Sciberras, Triq Alexander, Triq Nuzzo, Triq id-Duluri, Triq il-Ferrovija, Triq Maitland, Triq id-Duluri, Triq Mimosa, Triq Danny Cremona, Triq is-Sorijiet tal- Ursolini, Triq Qrejten, Triq Wenzu Mallia, Triq Monsinjur Depiro, Triq il-Kappillan Mifsud għal quddiem il-Knisja
**11.30p.m. Jkun hemm il- Logħob tan- Nar tal-art sinkronizzat mal-mużika quddiem il-Knisja Parrokjali.**

**Il-Ħadd fil-għodu 5 ta' Lulju**
**10.30a.m.** Marċ mill-Banda tal-Parroċċa Immakulata Kunċizzjoni li jibda minn quddiem il-Każin, Triq il- Kappillan Mifsud, Triq Manwel Magri, Triq Kunċizzjoni, Triq Indri Cilia, Triq id-Duluri, Sqaq numru 1, Triq id-Duluri, Triq il-Fatati, Pjazza Kappillan Muscat, Triq Ġuże Marija Camilleri, Triq Villambrosa, Triq Vincenzo Bugeja, Triq Adelaide, Triq Kanonku Bonnici, Triq Barth, Triq Ġuże Pace, Triq Manwel Magri, Triq Kappillan Mifsud għal quddiem il-Każin tal-Banda.

**Il-Ħadd fil-għaxija 5 ta' Lulju**
**7.00p.m. Marċ mill-Banda San Bartilmew -** Triq Manwel Magri, Triq Villambrosa, Triq Kanonku Bonnici għal Triq il-Kappillan Mifsud fejn hemmhekk tistenna l-istatwa u tkompli takkumpanja l-istatwa matul il- purċissjoni kollha.
**7.00pm Marċ mill-Banda Aniċi ta' Ħal Qormi -** Triq Manwel Magri, Triq il-Kunċizzjoni, Triq Pawlu Burlo, Triq id-Duluri, Triq Indri Cilia, Triq il-Fatati, Pjazza Kappillan Muscat.
**Purċissjoni tgħaddi minn dawn it-toroq -** Triq Manwel Magri, Triq il-Kunċizzjoni, Triq Pawlu Burlo, Triq id-Duluri, Triq Indri Cilia, Triq il-Fatati, Pjazza Kappillan Muscat, Triq Guze Maria Camilleri, Triq Guze Pace, Triq Barth, Triq Lord Byron, Triq Villambrosa, Triq Monsinjur Depiro, Triq Kappillan Mifsud għall-Knisja Parrokkjali.



PRINT RIGHT Ltd.
eye for quality
DESIGN | OFFSET PRINTING | SCREEN PRINTING | DIGITAL PRINTING
LAMINATION | HOT FOIL | LARGE FORMAT PRINTING
Industrial Road, Qormi - Malta. QRM3000 (near St Michael's School)
t: [+356] 21 250994, [+356] 27 250994
m: [+356] 9949 0344 f: [+356] 21 250993
e: sales@printrightmalta.com, printright@onvol.net
w: www.printrightmalta.com
